

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/2188

tal-11 ta' Diċembru 2019

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (EUAM Iraq/3/2019)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869, is-Sur Markus RITTER kien inħatar Kap tal-Missjoni tal-EUAM Iraq.
- (3) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1545 ⁽²⁾ li estendiet il-mandat tal-EUAM Iraq sas-17 ta' April 2020.
- (4) Fil-11 ta' Novembru 2019, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Christoph BUIK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUAM Iraq mill-1 ta' Jannar 2020 sas-17 ta' April 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Christoph BUIK huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) mill-1 ta' Jannar 2020 sas-17 ta' April 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER

⁽¹⁾ ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1545 tal-15 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 31).